MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Numru 864/2006

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca u
Spettur Victor Aquilina )

vs

John Ebejer

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 203981(M) akkuzat talli:

1. matul il-lejl ta’ bejn il-5 u 6 ta’ April, 2006 f’dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta’ vettura tal-ghamla Hyundai Stellar, bin-numru tar-registrazzjoni EAN-317 ghad-detriment ta’ Eric Bartoli minn Swatar, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. fit-12 ta' April, 2006 ghall-habta tal-4:00p.m. f'dawn il-gzejjer u cioè fil-Mosta, ikkommetta serq tal-ghamla Honda 185 bin-numru tar-registrazzjoni FAH-503 ghad-detriment ta' Edward Bonello mill-Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

3. f'dawn il-gzejjer, f'Mejju 2006 u fix-xahrejn ta' qabel saq mutur b'numru tar-registrazzjoni FAH-503, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorità dwar it-trasport ta' Malta;

4. f'dawn il-gzejjer, f'Mejju 2006, fl-istess cirkostanzi, b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurta dwar terzi persuni.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament u mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fuq liema ammissjoni baqa jippersisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra kif ukoll semghet lill-ufficcjal prosekutur fl-istesss verbal jiddikjara li ma kellux provi fir-rigward it-tielet u r-raba' akkuza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-ewwel zewg akkuzi li dwarhom l-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizzjonata jirrigwardaw is-serq. Illi ghalhekk u stante l-verbal tal-lum l-Qorti qeghda fuq l-iskorta tal-istess ammissjoni u fin-nuqqas ta' provi fil-konfront tat-tielet u r-raba' akkuza ssib l-imputat u tiddikjarah hati tal-ewwel u t-tieni akkuza u tilliberah mit-tielet u r-raba'.

Rat l-Artikoli 261(f)(c)(g), 270, 267, 271(g), 279(a), 280(1), 18, 17 u 31 tal-Kap 9 tiddeciedi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 li tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mil-lum.

Il-Qorti fisret lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu konsegwenti ghal din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------